31985R2651

20.9.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 251/40

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2651/85
tad-19 ta' Settembru 1985
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2248/85 fir-rigward ta' l-attestat meħtieġ għall-esportazzjoni ta' ċerti ġobnijiet lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2931/79 ta' l-20 ta' Diċembru 1979 għall-għoti ta' għajnuna għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jistgħu jibbenefikaw minn trattament ta' importazjoni speċjali f'pajjiż li mhux membru [1], u b'mod partikolari Artikolu 1(2) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2248/85 tal-25 ta' Lulju 1985 fuq regoli dettaljati għal għajnuna amministrattiva bl-esportazzjoni ta' ġobon *Ementaler* soġġett għar-restizzjoni tal-kwota li tikkwalifika għal trattament speċjali fuq l-importazzjoni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika [2] introduċa attestat ta' l-esportazzjoni għall-ġobon *Emmentaler* biex tissaħħaħ il-koperazzjoni amministrattiva ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u jkun assigurat l-użu sħiħ tal-kwota;

Billi l-awtoritajiet tad-dwana Amerikana jikklassifikaw il-prodott li jikkwalifika għal trattament speċjali fuq l-importazzjoni skond l-Intestatura "950.10 B Svizzeru jew ġobon *Emmenthaler* b *eye formation*"; billi l-attestat imwaqqaf fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2248/85 għandu għalhekk ikun adottat skond dan;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u Prodotti tal-Ħalib ma tax opinjoni fiż-żmien limitat stabbilit mill-President;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2248/85 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Fit-Titolu tar-Regolament, il-kelmiet "ġobon *Emmentaler*" huma mibdula bil-kelmiet "ċerti ġobnijiet".

2. Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika (inklużi Puerto Rico u l-Ħawaj) ta' ġobnijiet elenkati f'Anness I li huma skond is-sottotitlu 117.60.25 ta' l-Iskema tat-Tariffi ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u huma soġġetti għal restrizzjonijiet ta' kwota, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru esportatur għandu joħroġ, fuq talba ta' l-esportatur, attestat li jaqbel mal-mudell f'Anness II".

3. F'Artikolu 4, il-kelma "*Emmentaler*" hija mħassra.

4. F'Artikolu 5, il-kelma "*Emmentaler*" hija mħassra.

5. Anness I li ġej huwa miżjud:

"*ANNESS I*

Lista ta' tipi ta' ġobon imsemmija fl-Artikolu 1

Sottotitlu	*Tip ta' ġobon*
ex 04.04 A	Emmentaler
ex 04.04 E I b) 2	Maasdam Samsoe Svenbo"

6. L-Anness ta' qabel isir Anness II u l-kelmiet

"Attestat għall-esportazzjoni ta' ġobon *Emmentaler* lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika"

huma mibdula bil-kliem

"Attestat għall-esportazzjoni ta' ġobon Svizzeru jew *Emmenthaler* b' *eye formation* lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Settembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

[1] ĠU L 334, tat-28.12.1979, p. 8.
[2] ĠU L 210, tas-7.8.1985, p. 9.